# KIF IDURU L-ISMIJIET

Kav. RAFEL BONNICI CALI'

Sa qabel it-tieni gwerra dinjija, l-ismijiet tal-Maltin kienu aktar jinkitbu "a la taljana", izda fil-hajja ta' kuljum u fil-familja, kienu jiehdu ghamla Maltija, drawwa li kienet ukoll f'nazzjonijiet ohrajn, li minn barra l-forma ufficjali kellhom ukoll forma popolari jew folkloristika. Biex niftehmu ahjar, ahna kellna d-drawwa. li min jikteb ismu "la taljana" konna aktarx insejhulu Guzeppi, Guze', Guz, Peppu, Peppi, Zepp, Zeppi, ghall heffa bejnietna, waqt li fil-karta tal-maghmudija kien jikteb Josephus, bil-Latin, li kien l-ilsien tal-Knisja u tal-gvern, sa mill-eqdem zminijiet. Hawn jaqbel li nghidu wkoll, li it-taqlib politiku li kellna halla l-marka tieghu fuq l-ismijiet tal-poplu Malti, u b'hekk xi ismijiet taghna hadu xehta Sqallija. Izda fl-ahhar seklu, hadu xejra ohra. Minhabba dan gara li Guzeppi sar Peppe, Peppinu, Joe ecc. Dan it-tibdil tista' tghid li sar fuq l-ismijiet kollha taghna, u sar ukoll skond il-qaghda tal-familja u lokalita', ghax fl-irhula, Guzeppi sar aktarx Guze', ecc.,kif ga ghedna, filwaqt li fl-ibliet sar Guzi, Josie, Gogo, u forom ohra skond il-gosti tal-familja. Sa ftit zmien ilu, kont tisma min jghid, "sejjer inkellem il-Professur Guzi Debono' jew lil"Professur Guze' Galea." Ir-raguni kienet li Debono kien jghix il-Belt u Tas-Sliema, mentri Galea trabba f'Hal Qormi. Mbghat kien hemm hag'ohra; min kien jismu Guze' ma kien jinduna li xi hadd kien ikun jghajjat lilu, jekk isejjahlu Peppi, Zeppi, Guzi, ecc. u dan bir-ragun, ghax il-forma u d-drawwa tal-hoss ghandha qawwa kbira fuq il-widna. Jekk niflu l-ismijiet li kien hawn qabel ma gew il-kavallieri f'Malta, (1530), insibu li bosta minnhom spiccaw, jew hadu formm ohrajn. Dawl li baqghu l-istess, jew kellhom biss tibdil zghir, kienu dawk li baqghu

mixjin fil-familja skond id-drawwa Lhudija, li hadna ahna l-insara, li nsemmu l-uliedna ghal niesan stess, u ghalhekk aktarx li nsibu fl-istorja taghna, Guzeppi bin Guzeppi, bin-neputijiet taghhom Guze', Joey, ecc., biex kemm jista' jkun ma jsirx tahwid.

Il-Bibbja kellha sehem kbir fil-ghazla ta' l-ismijiet ta' l-Insara Maltin. Ghalhekk, insibu ta' spiss l-ismijiet ta' l-appostli Ganni, Tumas, Pietru, Indri', Gakbu, ecc. Dahlu wkoll ismijiet ta' qaddisin kbar, bhal Wistin, Glormu, Bernard, ecc., u f'xi nhawi kellhom preferenza ghal isem Pawlu, bhar-Rabat u l-Belt fejn hemm devozzjoni specjali lejh. Ghalkemm Ganni kien isem popolari minn zmien zemzem, wara l-migja tal-kavallieri sar aktar imxerred, u beda jizdied mieghu Battista, billi dan kien il-protettur ta' L-Ordni ta' San Gwann li bnewlu l-akbar knisja fil-Belt.Valletta. Dan l-isem kellu wkoll it-tibdil tieghu, ghax sar Gann Patist, Patist ecc. u Gio-Batta jew Gan-Batta, u biz-zmien mieghu beda jinghaqad ukoll xi isem iehor, bhal Gan-Pawl, Gan-Anton, Gan-Karlu, ecc., kif dahlet ukoll fi zmienna fl-ismijiet tal-Papiet. Id-devozzjoni kbira lejn il-Madonna, gabet ukoll taqbila ta' isem Marija ma' ohrajn, bhal Guzeppi Marija, Fons Marija, Gannmari', Marinton, Mariros, li daret Rosemary; Mari sar Mari', Marion, Miriam, May, Mary, Moira, etc.. Hemm xi whud li jghidu li it-tibdil sar minhabba xi ksuhat tal-familja, izda dan seta sar ukoll ghall-bzonn, bhal meta jkunhemm bzonn jintaghraf bniedem minn iehor. Is-Sinjura Mari' ma kellhiex bzonn tissejjah Sinjura Mari', ghax il-kelma Sinjura kienet bizzejjed bix tingharaf li kienet sid id-dar, izda meta l-missier ikun irid isejjah lil bintu li jisimha bhal ommha, kien jghidilha Mary, Marion, May jew xi forma simili. L-istess ragel li jismu Ganni, l-ibnu jista' jsejjahlu Ganninu, jew jekk tifla, Gannina., bhalma jigri wkoll f-ismijiet ohra bhal Kelinu, Martinu, Salvinu...u hekk xaktarx li jinstemghu isbah, izda ohran, bhal Marozz, Karlozz kienu ftit koroh,

ghalkemm kont issibhom fuq xi barklor jew xi bniedem goff.

L-ismijiet ta' Zepp u Grezz kienu hadu xejra folkloristika Maltija,dan meta sekli ilu kienet bdiet issir il-parata tal-karnival, meta Guzeppi kien sar isem popolari fost l-irgiel minhabba id-devozzjoni lejn San Guzepp, li hemm ghandu fratellanza antika hafna, u Grezz kien isem popolari wkoll fil-Kottonera u l-irhula tal-qrib, l-aktar Haz-Zabbar minhabba l-Madonna tal-Grazzja; L-isem originali ta' Marija Grazzja beda jinbidel bil mod, sakemm sar Grazzja, Grezz, Grazzjella fuq in-nisa, u Grazio, Grezju, Zezzu, Ziz, Zizzu,Tettu Tittu, fil-kaz ta' Hal Tarxien. Xi ismijiet tant hadu forom korih li ma ntoghgbux, u twarrbu mill-hajja ta' kuljum, bhal isem sabih ta' Lorenzo sar aktar Wanzu jew Wenzi. Zewgt ahwa ragel u mara, flimkien bdew isejhulhom Wenez, u wara Lawrence sar Lorry, laktar fil-Birgu. Luigi sar Lizu, Liza, Louis, Aloisio, ; Ludivigo sar Vigu f'Hal Tarxien. Ismijiet ohrajn li ma ntoghgbux huma Baskal, Lazzru, Gamillu, Ganmari', li bhalissa saru Pasquale, Camillo, u Giovanni Maria. Antonio sar Toni, Carmelo sar Karmnu, Francesco sar Cikku, Elizabbetta saret Zabbett, Koncetta saret Cetta, Tereza saret Zeza, u hafna ohrajn. Dawn, fi zmien l-Inglizi bdew jiehdu sura ohra, bhal Tony, Francis, Lizzy, Connie, Terry, etc.. Carmelo bdew isiru l-izbalji fih, minhabba li bdew jaqilbuh Charles, li fil-fatt huwa il-forma ngliza ta' Carlo, u mhux Carmelo, li ghandu jigi Carmel. Matul il-hakma ngliza dahlu bosta ismijiet inglizi, bhalma huma Robert, Edward, Winston, Alfred, bil-forom taghhom, bhal Bobby, Bob, Eddie, Fred, ecc. Dahlu ukoll ismijiet nordici ohrajn bhal Godfrey, Herbert, Alexander, Norbert.

Fi zmeinna, hawn min qed jikser it-tradizzjonijiet ta' l-ismijiet, billi ma jsemmux lil uliedhom ghall-qaddisin, izda ghal xi artist jew attur tac-cinema, u ohrajn sahansitra bdew jivvintaw ismijiet strambi li ma jfissru xejn. Il-Knisja u l-Gvern hassew il-htiega li jaccettaw l-ismijiet li jtuhom il-

genituri, izda mill-banda l-ohra il-genituri ghandhom joqghodu attenti li lil uliedhom ma jtuhomx ismijiet li notmalment jinghataw lill-klien jew annimali ohrajn.

Kif ghedna, ismijiet ta' rabta storika huma Pawlu u Gannibattista, izda kien dahal ukoll l-isem Vitorio u Victorja, wara r-rebha ta' l-assedju tal-1565, u fost l-ewlenin insibu lil Fra Vittorio Cassar iben l-arkitett tal-Belt Valletta. Dan l-isem ta' Victoria kompla ssahhah fi zmien ir-renju tar-Regina Victoria ta' l-Ingilterra, fi zmien meta fostna beda jizdied ukoll l-isem ta' Melita, isem antik ghall Gzira taghna. In-neputija tar-regina Victoria aktarx kienet minn ta' l-ewwel li hadet l-isem ta' Melita, meta twieldet fil-Palazz ta' San Anton. Ghaliha issemmew ukoll Toroq li dan l-ahhar inbidlu f' ohrajn aktar lokali.

Meta nbniet il-knisja tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema, issemmew bosta Zarenu u Zarena, u wara il-kungress Ewkaristiku tal-1913 bdew jinstemghu l-ismijiet Karistu. Meta giet ir-relikwa ta' San Frangisk Saverju xtered hafna Saver u Saverio. L-istess gara meta gew ikkanonizzati xi qaddisin godda, bhal Bernardina ta' Lourdes, imma l-aktar li influwenzaw l-ismijiet tal-poplu huma il-qaddisin titulari tal-parrocci u l-knejjes taghna, ghalhekk insibu bosta Assunta, Loretu, Grazzia, Annunzjata, Katarina, Pawlu, Duminku, Bertu, Nardu, Gorg, Filippu, Indri, ecc...

Jidher li l-ismijiet mhux biss juru il-gosti ta' min jaghtihom izda wkoll juru it-tradizzjoni familjari u l-influwenza socjali u kulturali ta' dak li jkun.